Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Ottubru 2023

Ħarġa Nru 33



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***kappellimaltihbieb@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb tal-Għaqda,

Għadda s-Sajf, u nispera li kellkom sajf ta' mistrieħ għalkemm is-sħana kienet qalila. Imma issa wasal Ottubru, u dan ifisser il-bidu ta' sensiela ġdida ta' attivitajiet li magħtulhom, sa Ġunju tas-sena d-dieħla, nerġgħu mmorru nżuru kappelli u postijiet oħra li l-Kumitat ħadem fuqhom matul dawn l-aħħar ġimgħat, biex ingawdu l-wirt u l-patrimonju reliġjuż li ħallewna missierijietna.

F'dan ix-xahar infakkru wkoll it-twaqqif tal-Għaqda tagħna meta l-fundaturi u ħbieb żammew quddiesa fil-kappella ta' San Pawl f' Ħ'Attard. Minn dak in-nhar 'l hawn l-attivitajiet ma waqfu qatt. Dan ix-xahar, bħal kull sena ser nibdew l-attivitajiet billi nattendu quddiesa u wara jkollna żjara f'post interessanti. Imma aktar dettalji se ssibuhom fiċ-ċirkolari li se tirċievu separatament. L-attivita se tinżamm il-Ħadd 15 t'Ottubru.

L-attendenza tagħkom matul is-sena li għaddiet kienet qawwija ħafna u din tinkoraġġixxi lil Membri tal-Kumitat biex ikomplu jaħdmu biex ixerrdu l-informazzjoni dwar il-kappelli mxerrdin madwar il-gżejjer Maltin.

Bħalma indunajtu din il-ħarġa tal-fuljett ħadet xejra ġdida u friska. Dan sar bil-ħidma tas-Sinjura Miriam Schembri, li offriet il-ħin tagħha, u l-esperjenza fit-tfassil tal-fuljetti simili sakemm damet taħdem bħala għalliema. Nirringrazzjawha tal-ħidma volontarja li offriet lil Għaqda. Nawguraw li oħrajn jagħmlu bħalha sabiex l-Għaqda tkompli tiġġedded u jidħlu membri ġodda li jistgħu joffru l-esperjenza tagħhom biex il-Kumitat jkompli jaħdem.

N Gingell

Għal Kumitat

**Kumitat 2023—2025**

**President**
Valent Xuereb

**Viċi-President**
(vakant)

**Segretarju**
Adrian Schinas

**PRO Editur Fuljett**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Membru responsabbli mill-attivitajiet**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-knisja ta' Kristu Re fix-Xgħara Għawdex

# Is-Santwarju tal-Kunċizzjoni
# Il-Qala, Għawdex

### Kitba ta' Joe Brincat

Il-kappella tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Qala, Għawdex, fi triq Ħondoq ir-Rummien hija qadima ħafna, u ħadd ma jaf eżatt meta nbniet, imma dokumenti juruna li dan il-post kien post ta' devozzjoni sa minn żmien il-ħakma tal-Arab (870 - 1090). X'aktarx li dan it-tempju ġie mibni fuq ieħor pagan ta' qabel il-Kristjaneżmu.

Waqt iż-żjara pastorali tiegħu Mons Pietru Dusina fl-1575, sabha fi stat ħażin ħafna wara li kienet ġiet attakkata għal diversi drabi mit-Torok li kienu jinżlu l-art f'Għawdex, u ordna li tiġi pprofanata u magħluqa. In-nies tal-akwati ma ridux li din il-kappella tibqa' magħluqa, u bid-donazzjonijiet u bix-xogħol volontarju li għamlu, sewwewha, bnewlha sagristija, u għamlu zuntier ġdid quddiem. Sa mill-1615 kienet waħda mill-kappelli li kienu miżmumna fi stat tajjeb ħafna kif ukoll bħala waħda mill-akbar kappelli f'Ghawdex, li għalkemm fit-tarf tal-lvant t'Għawdex, kienu jżuruha nies minn madwar il-gżira kollha.




Il-faċċata tal-kappella

Għal xi żmien din il-kappella serviet ta' Paroċċa għan-Nadur, Għajnsielem, il-Qala u Kemmuna meta dawn l-irħula kienu għadhom magħqudin bħala n-Nadur. Imbagħad fl-1872 meta l-Qala nqatgħat minn man-Nadur u saret paroċċa għaliha, saret il-paroċċa ta' dan l-irħajjel ġdid. Originarjament din il-kappella kienet iddedikata lill Marija Assunta, imma fl-1615, l-isqof Cagliares biddel id-dedikazzjoni u t-titular ta' din il-kappella għal dik tal-Immakulata Kunċizzjoni. Imma xorta l-pittura titulari l-antika nżammet fis-sagristija għal xi żmien, u fl-1899 ġiet trasferita għall-knisja parrokjali tal-lokal. Din il-pittura antika kienet iżgħar minn dik li hemm illum u kien fiha x-xbieha tal-Verġni Mqaddsa tiela' s-sema akkumpanjata minn erba' anġli, bit-tnejn ta' fuq iżommu kuruna fuq rasha. Il-pittur u d-data meta saret mhumiex magħrufa. Jingħad li din il-pittura spirat lil dan il-pittur li pitter it-titulari tal-Madonna ta' Pinu.




L-altar ewlieni

It-titular il-ġdid ta' żmien Agius de Soldanis, kien jiġi attribwit lill-pittur Federico Barocci minn Urbino, iżda m'hemmx ċertezza għax studjużi llum jattribwuħ lil Francesco Vanni (1566-1610), kontemporanju ta' Barocci. L-isqof Cagliares kien akkwista din il-pittura meta kien f'Ruma biex jiġi kkonfermat l-Isqof ta' Malta, ta din il-pittura lill-knisja tal-Qala fil-vista tiegħu tal-1615 meta kien ġie lura minn Ruma. Il-probabiltà hi li hu stess kien miżinformat dwar min kien il-pittur. Id-data ta' meta suppost tpitter dan il-kwadru tingħata bħala dik tal-1615 – data evidentament ħażina għax fl-1615 kemm Barocci kif ukoll Vanni kienu diġà t-tnejn mejtin. Id-data probabli li tirreferi għal meta din il-pittura ingħatat lill-knisja tal-Qala. Jidher din il-pittura hi kopja ta' Vanni stess ta' kwadru li qiegħed fil-Pinacoteca fi Siena u li tpitter fl-1602. Vanni seta' pitter għadd ta' kwadri simili biex ibiegħhom kif kienet id-drawwa dak iż-żmien. L-kwadru jirrapreżenta fuq il-lemin 'il Madonna qiegħda tgħaffeġ b'riġlejha s-serp ħiereġ minn qalb weraq impittrin b'dettall kbir. Fuq in-naħa tax-xellug, il-Missier Etern, b'dirgħajh miftuħin u b'erba' puttini, qed jimliha bil-grazzji.

Maż-żmien, in-nies bdiet iżżur u titlob għall-grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna Immakulata Konċepiment. Żdiedu l-kwadri ex-voto - xhieda ta' grazzji maqlugħa u sal-1640, l-erba' ħitan tal-kappella kienu miksijin bil-kwadri ex-voto. Il-Gvernatur t'Għawdex, il-Baruni ta' Remching Carlo Federico, tfejjaq mirakolożament minn puplesija qawwija fl-1642 wara li talab lill-Madonna tal-Qala tidħol għalih.



Pittura tat-titular tal-Kunċizzjoni



Pittura tas-Sagra Familja




Ħarsa ġewwa l-kappella

Fl-1 ta' Awwissu 1954, fl-okkażjoni tal-ewwel ċentenarju mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Konċepiment tal-Madonna mingħajr Tebgħa mill-Papa Piju IX, il-kwadru ġie solennement inkurunat minn Mons. Giuseppe Pace, isqof ta' Għawdex biex f'għeluq il-25 sena ta' din l-inkurunazzjoni, saret il-funzjoni solenni meta madwar ir-ras tal-Madonna tal-kwadru tal-Kunċizzjoni tqiegħed stellarju prezzjuż.

Il-knisja għandha forma kwadra u zuntier imdaqqas quddiemha. Il-faċċata għandha bieb wieħed u fuqu hemm tieqa tonda. Aktar 'l fuq hemm niċċa li fiha statwa tal-Kunċizzjoni. Fil-kantunieri tal-faċċata hemm kolonni li huma mżejnin b'boċċa ovali tal-ġebel fuqhom. Fuq in-naħa tal-lemin hemm ċimiterju li fih tiddomina statwa tal-bronż ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt. Il-kappella għandha kampnar wieħed fuq in-naħa ta' wara. It-tlett naħat tal-kappella, barra l-faċċatta huma mdawwrin bl-imwieżeb.

Minn ġewwa, l-knisja hija ġawhra, mżejjna b'għadd ta' pitturi, skulturi u ndturatura kemm fis-saqaf troll kif ukoll mal-ħitan. L-altar maġġur, bil-pittura titulari warajħ, hu mdawwar bi gwarniċun majestuż iddekorat u ndurat u fuqu tinsab it-tieqa tal-ħġieġ ikkulurit. Fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja hemm altar b'pittura fuqu li turi 'l Madonna bil-Bambin f'idejha, it- tnejn inkurunati, b'San Duminku u Santa Rita fuq iż-żewġ naħat. Fuq ix-xellug tal-knisja, hemm altar ieħor li għandu kurċifiss kbir u ħdejħ hemm pittura ovali ta' San Kurradu. Taraġ ċkejken u dejjaq iniżżlek ġo kmajra żgħira, maqtuha fil-blat u li fiha l-fdalijiet li kienu nstabu fl-1937, preżubilment tal-qaddis Kurradu.

Hemm diversi leġġendi marbutin ma' din il-kappella. Waħda minnhom hija dik li tirrakkonta l-ġrajja ta' San Karrew (Kurradu), li fis-seklu ħmistax kien qed jgħix ħajja qaddisa ta' eremita ġewwa għar f'Wied il-Għasel fil- Mosta. Xi ragħajha Mostin bdew jittantawħ u jippruvaw iwaqqawħ fid- dnub, imma Karrew ipprova jikkoreġihom, iżda dawn bdew iwaddbulu l-ġebel, hekk li kellu jitlaq minn Malta u mar ikompli jgħix ġewwa l-Qala, fejn miet, u ġie midfun fil-kripta ta' din il-knisja. Fit-3 t'Ottubru 1937, waqt skavi li kienu qed isiru fil-kripta ta' din il-knisja, instab skeletru ta' raġel, l-għadam ġew miġbura f'kaxxa u miżmuma fis-sagristija għal xi żmien. Fl-1991 dan l-iskeletru ġie eżaminat, u ġie kkonfermat li dan huwa ta' raġel li jmur lura għal ħmistax il-seklu.

Leġġenda oħra tgħid li din il-kappella għall-ewwel kienet ser tinbena f'post magħruf bħala "*Tas-Salib*". Meta nġieb il- ġebel biex bihom jibnu din il-kappella, dawn bil-lejl inġarru waħedhom għal post magħruf bħala "*Il-Ħalq*" fejn illum hemm il-kappella. Ħasbuha xi ċajta, u n-nies reġgħu ġarrew il-ġebel lura għall-post fejn kienu qegħduhom oriġinarjament, iżda dawn il-ġebel, għat-tieni darba, reġgħu inġarru għall-post fejn hemm il-kappella b'mod misterjuż. B'hekk emmnu li dan kien sinjal mill-Verġni Mqaddsa li hija riedet il-post l-ieħor biex tinbena din il-knisja.



Kripta fejn hemm midfun eremit

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Qala kompliet tikber hekk li skont l-isqof Alpheran De Bussan waqt żjara pastorali fl-1736, kien qal li l-ħitan ta' dan is-Santwarju kienu miksija b'donazzjonijiet ex-voto, l-iktar b'deheb u fidda. Dawn iktar tard inbiegħu biex ikun jista' jsir restawr u redekorazzjoni ta' din il-kappella.

Fil-ħitan ta' barra ta' din il-kappella, kemm fuq in-naħa tal-lemin, kif ukoll fuq in-naħa ta' wara hemm xi graffiti imħaffrin. F'dawn il-graffiti nsibu l-figuri ta' diversi bastimenti (li jvarjaw minn galjuni ta' żmien il-Kavallieri, għal dgħajjes tal-Latini), slaleb u dati.



Graffitti mal-ġenb tal-knisja

Matul is-Sena Mqaddsa tal-Ħniena tal-2015, is-Santwarju tal-Immakulata Kunċiżżjoni fil-Qala kien wieħed mit-tliet knejjes biex fihom jinfetaħ għal matul is-sena kollha l-Bieb Imqaddes tal-Ħniena.

Informazzjoni meħuda mis-sit
www.kappellimaltin, bil-permess
Ritratti Norbert Gingell

# Il-Knisja ta' Kristu Re
# Ix-Xagħra Għawdex

**Kitba ta' Norbert Gingell**



Ħarsa ġewwa l-knisja ta' Kristu Re

Il-knisja ta' Kriste Re, magħrufa wkoll bħala tan-Nazzarenu, fl-inħawi tal-Gajdoru fix-Xagħra Għawdex bdiet tinbena fl-1902 fuq l-inizjattiva tal-Kanonku Dun Francis Sultana, li aktar tard sar l-ewwel Rettur tal-Knisja.

Il-pjanta tal-knisja ġiet iddisinjata mill-Kanonku Dun Joseph Diacono li dak iż-żmien kien l-Arċipriet tax-Xagħra. Ix-xogħol tal-kostruzzjoni tal-knisja kif fdat lil imgħallem bennej Ġużeppi Azzopardi li kien ukoll mix-Xagħra.

Iċ-ċerimonja tat-tqegħid u tberik tal-ewwel ġebla saret il-Ħadd 20 ta' Settembru 1903, liema okkazzjoni speċjali tmexxiet mill-Isqof Diocesan, l-Eċċellenza Tiegħu Giovann Maria Camilleri, OSA.

Il-bini tal-knisja dam kważi tmin snin biex tlesta. Matul il-perjodu li damet tinbena, kienu bosta drabi li l-fondi ġew nieqsa sew jew spiċċuti, imma kull darba b'ġenerożita xi benefattur salva s-sitwazzjoni prekarja. Il-knisja ġiet imbierka f'Novembru tal-1910 mill-Arċipriet il-ġdid, il-Kanonku Dun Maurizio Cauchi.


Pittura ta' Sant'Anna u l-Madonna

Mat-twaqqif tal-knisja l-inħawi tal-madwar, dawk ta' Gajdoru, Ġnien Xibla, Għejun, Mannar u Ta' Ġorf, bdew jissejħu bħala tan-Nażżarenu.

F'din il-knisja wieħed isib numru ta' opri artistiċi ta' livell għoli. It-titular, li jġib is-sena 1908, huwa xogħol il-magħruf artist Malti Lazzaro Pisani. Dan il-kwadru juri lil Ġesu n-Nazzarenu imdawwar b'għaxar puttini (uċuħ tal-anġli ħelwin). L-istess artist pitter dak tal-Familja Mqaddsa (1909) fl-altar tax-xellug. Fuq l-altar l-ieħor insibu l-kwadru ta' Sant' Anna mal-Madonna, impitter minn Ġanni Vella. Mad-dawra ta' ġewwa l-knisja wieħed isib żewġ kwadri ta' Giuseppe Cali (San Pietru u San Pawl) u għaxar pitturi fl-ġwarniċi tal-ġebla ta' l-Għawdxi, mix-Xagħra stess, Ninu Apap. Il-knisja fiha ukoll xogħolijiet tal-iskultur magħruf Għawdxi, il-Comm Agostino Camilleri, liema statwi tiegħu ilhom isebbħu l-knisja sa mill-1940.


Pittura tat-titular ta' Kristu Re


Pittura tal-Familja Mqaddsa

Il-preparazzjonijiet għad-dedikazzjoni tal-knisja bdew fl-1930 meta r-Rettur kien il-Kanonku Dun Lawrence Attard. L-altar ewlieni ġie miksi bl-irħam fin mid-ditta Galea Marble Works tar-Rabat, Malta, Iċ-ċerimonja tmexxiet mill-Isqof t'Għawdex l-Eċċelenza Tiegħu Mons Mikiel Gonzi, nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru 1931. Il-Knisja ġiet iddedikata lil Kristu Re.

L-ewwel festa titulari ġiet iċċelebrata f'Lulju 1911. Sas-sena 1947 l-attivitajiet festivi u reliġjużi kienu jinżammu fil-knisja. Il-faċċata kienet tkun mixgħula b'numru ta' lampi taż-żejt ikkuluriti. Fis-sena 1924 sar il-logħob tan-nar għal-ewwel darba. Aktar tard, fil-3 t'Ottubru 1948 fuq l-inizzjattiva ta' Kanonku Dun Giuseppi Said, inżammet l-ewwel purċissjoni bis-Santissimu Sagrament madwar it-toroq tal-inħawi tal-knisja.

Maż-żmien il-banda tar-raħal tax-Xagħra bdiet tipparteċipa billi organizzat programm ta' marċi madwar it-toroq u żdied il-logħob tan-nar. Bdew ukoll jinżammu attivitajiet kulturali u folkloristiċi, bil-kompetizzjoni tal-inbid, li ghada ssir kull sena, tkun popolari ferm.

Fis-sajf tas-sena 2002 inbeda proġett ntensiv ta' restawr u tisbiħ tal-knisja minn ġewwa. Il-presbiterju ġie mibdul għal wieħed modern sabiex jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-linji gwida tal-Konċilju Vatikan II. Dan sar fuq l-inizzjattiva tar-Rettur ta' dak iż-żmien, Dun Ignatius Borg. Il-proġett ġie nawgurat mill-Isqof Nikol Cauchi fit-3 ta' Novembru ta' l-istess sena.



Presbiterju fil-knisja ta' Kristu Re



Artal u pittura tat-titular

Bħala parti mill-kommemorazzjoni tal-100 sena tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja fl-1903, fl-20 ta' Settembru 2003 inbeda programm komemorattiv ta' 15-il ġurnata ta' attivitajiet reliġjużi u oħrajn soċjali li l-għeluq tiegħu kienet ċelebrazzjoni solenni tal-festa titulari ta' Kristu Re nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru.

Xogħolijiet oħra ta' tisbiħ u rinovar kienu t-tqegħid tal-irħam fit-taraġ taz-zuntier u sistema ġdida ta' dawl fis-sala ta' taħt iz-zuntier. Sar ukoll dawl ġdid mal-faċċata tal-knisja, liema faċċata ġiet restawrata ukoll.

F'Settembru 2018, ir-Rettur il-ġdid Dun Anton Refalo fetaħ ċentru ġdid biswit il-knisja fejn iservi bħala kenn għal lejl għal anzjani. Matul il-perjodu tal-pandemija Corona virus, iċ-Ċentru offra servizz b'xejn ta' kenn lil numru ta' nies anzjani. Din l-inizzjattiva tirrifletti l-motto li ġie mgħoti lil dan iċ-Ċentru "Inħennu għall-oħrajn bħalma jħenn għalina l-Missier tagħna tas-sema".

Il-festa tinżamm fit-tielet Ħadd t'Ottubru.



Saqaf tal-knisja ta' Kristu Re



Il-gallarija tal-knisja

informazzjoni meħuda minn diversi siti tal-internet
Ritratti Norbert Gingell